Nru. 17,632
Prezz Lm1.12ċ
Price Lm1.12c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 27 ta' Lulju, 2004
Tuesday, 27th July, 2004

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 820

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 17,630 u 17,631 ta' l-20 u t-23 ta' Lulju, 2004, rispettivament.

A.L. Nru. 364 ta' l-2004: Att dwar is-Swieq Finanzjarji (Kap. 345); Regolamenti ta' l-2004 dwar ir-Rikonoxximent tad-Dettalji ta' l-Elenku Approvati.

A.L. Nru. 365 ta' l-2004: Att ta' l-2001 dwar is-Sigurezza tal-Prodotti (Att Nru. V ta' l-2001); Tħassir tar-Regolamenti ta' l-2002 dwar il-Fertilizzanti.

A.L. Nru. 366 ta' l-2004: Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104); Regolamenti ta' l-2004 dwar Ċentru ta' Informazzjoni dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur.

A.L. Nru. 367 ta' l-2004: Att dwar is-Servizz ta' Impieg u Taħriġ (Kap. 343); Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Skema ta' Taħriġ Estiż fis-Snajja'.

Is-27 ta' Lulju, 2004

GOVERNMENT NOTICES

No. 820

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 17,630 and 17,631 of the 20th and the 23rd July, 2004, respectively.

L.N. No. 364 of 2004: Financial Markets Act (Cap. 345); Recognition of Approved Listing Particulars Regulations, 2004.

L.N. No. 365 of 2004: Product Safety Act, 2001 (Act No. V of 2001); Repeal of the Fertilizers Regulations, 2002.

L.N. No. 366 of 2004: Motor Vehicles Insurance (Third-Party Risks) Ordinance (Cap. 104); Motor Vehicles (Insurance Information Centre) Regulations, 2004.

L.N. No. 367 of 2004: Employment and Training Services Act (Cap. 343); Extended Skill Training Scheme (Amendment) Regulations, 2004.

27th July, 2004

Nru. 821

AKKWIST TA' ART

DIN il-Proklama li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 4 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija pubblikata skond u għall-finijiet ta' dan l-Ordinanza.

Is-27 ta' Lulju, 2004
(File No. L362/71/1)

PROKLAMA TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bl-artikolu 4 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88), huwa pprovdut illi l-President ta' Malta jista', għal skopijiet pubbliċi, jiddikjara illi l-art hija suġġetta għall-jedd ta' *clearance* jew għall-jedd ta' taħt wiċċ l-art.

U billi hu meħtieġ illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk tiġi dikjarata suġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

Issa, għalhekk, jiena, bis-saħħa ta' l-artikolu 4 ta' l-imsemmija Ordinanza, b'din niddikjara illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk hija suġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

Skeda

Art fiż-Żejtun:–

1. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir tqegħid ta' katusi tad-drenaġġ fi trinka ta' 48.8 metri tul, 0.8 metri wiesgħa u 1.5 metri fonda, li tinkludi *manhole,* f'għalqa tal-kejl ta' madwar 2,267 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana u mix-Xlokk ma' triq pubblika u mill-Punent in parti ma' proprjetà tas-Sur Francis Abela u in parti ma' proprjetà tas-Sur Michael Tabone.

2. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir tqegħid ta' katusi tad-drenaġġ fi trinka ta' 21.3 metri tul, 0.8 metri wiesgħa, 1.8 metri fonda, f'għalqa tal-kejl ta' madwar 3,925 metri kwadri, li tmiss min-Nofsinhar u mix-Xlokk ma' triq pubblika, u mit-Tramuntana ma' proprjetà tas-Sur Grezzju Abela.

3. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir tqegħid ta' katusi tad-drenaġġ fi trinka ta' 21.3 metri tul, 0.8 metri wiesgħa u 1.8 metri fonda, li tinkludi *manhole*, f'għalqa tal-kejl ta' madwar 3,560 metru kwadru, li tmiss min-Nofsinhar ma' triq pubblika, mil-Lvant ma' proprjetà tas-Sur C. Abela u mit-Tramuntana ma' proprjetà tas-Sur Grezzju Abela.

4. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir tqegħid ta' katusi tad-drenaġġ fi trinka ta' 73.2 metri tul, 0.8 metri wiesgħa u 1.8 metri fonda, li tinkludi 3 *manholes*, f'għalqa tal-kejl ta' madwar 8,215 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' Dott. Victor Mercieca, LL.D., min-Nofsinhar in parti ma' proprjetà tas-Sur C. Spiteri u in parti ma' proprjetà tas-Sur C. Abela u mill-Punent ma' proprjetà tal-Kunvent ta' Santu Wistin, il-Belt Valletta.

No. 821

ACQUISITION OF LAND

THE following Proclamation made by the President of Malta under section 4 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of this Ordinance.

27th July, 2004

PROCLAMATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by the provisions of section 4 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88), the President of Malta can, for public purposes, declare that the land is subject to clearance rights or subsoil rights.

And whereas it is required that the property mentioned in this schedule is declared subject to subsoil rights.

Now, therefore, I, by means of the powers of section 4 of the mentioned Ordinance, hereby declare that the property mentioned in this schedule is subject to subsoil rights.

Schedule

Land at Żejtun:–

1. The mentioned subsoil right consisting of laying of drainage pipes in a trench 48.8 metres long, 0.8 metres wide and 1.5 metres deep, including a manhole, in a field measuring about 2,267 square metres, bounded on the North and the South East by a public street and on the West partly by property of Mr Francis Abela and partly by property of Mr Michael Tabone.

2. The mentioned subsoil right consisting of laying of drainage pipes in a trench 21.3 metres long, 0.8 metres wide and 1.8 metres deep, in a field measuring about 3,925 square metres, bounded on the South and the South East by a public street, and on the North by property of Mr Grezzju Abela.

3. The mentioned subsoil right consisting of laying of drainage pipes in a trench 21.3 metres long, 0.8 metres wide and 1.8 metres deep, including a manhole, in a field measuring about 3,560 square metres, bounded on the South by a public street, and on the East by property of Mr C. Abela and on the North by property of Mr Grezzju Abela.

4. The mentioned subsoil right consisting of laying of drainage pipes in a trench 73.2 metres long, 0.8 metres wide and 1.8 metres deep, including 3 manholes, in a field measuring about 8,215 square metres, bounded on the North by property of Dr Victor Mercieca, LL.D., on the South partly by property of Mr C. Spiteri and partly by property of Mr C. Abela and on the West by property of the Convent of St Augustine, Valletta.

5. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir tqegħid ta' katusi tad-drenaġġ fi trinka ta' 44.2 metri tul, 0.8 metri wiesgħa u 1.2 metri fonda, li tinkludi 2 *manholes*, f'għalqa tal-kejl ta' madwar 6,636 metru kwadru, li tmiss min-Nofsinhar ma' proprjetà tas-Sur Grezzju Abela, mix-Xlokk ma' triq pubblika u mill-Grigal ma' proprjetà ta' Dott. Victor Mercieca, LL.D.

6. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir tqegħid ta' katusi tad-drenaġġ fi trinka ta' 115.8 metri tul, 0.8 metri wiesgħa u 2.1 metri fonda, li tinkludi erba' *manholes*, f'għalqa tal-kejl ta' madwar 11,131 metru kwadru, li tmiss mix-Xlokk ma' proprjetà ta' Dott. Victor Mercieca, LL.D., mill-Majjistral ma' proprjetà tas-Sur Michael Peresso u mil-Lbiċ ma' proprjetà tal-Kunvent ta' Santu Wistin, il-Belt Valletta.

7. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir tqegħid ta' katusi tad-drenaġġ fi trinka ta' 36.6 metri tul, 0.8 metri wiesgħa u 1.2 metri fonda, li tinkludi *manhole*, f'għalqa tal-kejl ta' madwar 2,387 metru kwadru, li tmiss mix-Xlokk ma' proprjetà tas-Sur Victor Camilleri, mill-Majjistral ma' proprjetà tas-Sur Emanuel Xuereb u mil-Lbiċ ma' proprjetà tal-Kunvent ta' Santu Wistin tal-Belt Valletta.

8. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir tqegħid ta' katusi tad-drenaġġ fi trinka ta' 36.6 metri tul, 0.8 metri wiesgħa, 1.2 metri fonda, li tinkludi *manhole*, f'għalqa tal-kejl ta' madwar 2,387 metru kwadru, li tmiss mix-Xlokk ma' proprjetà tas-Sur Michael Peresso, mill-Majjistral ma' proprjetà tas-Sinjorina L. Caruana u mil-Lbiċ ma' sqaq pubbliku.

9. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir tqegħid ta' katusi tad-drenaġġ fi trinka ta' 39.6 metri tul, 0.8 metri wiesgħa, 2.1 metri fonda, li tinkludi *manhole*, f'għalqa tal-kejl ta' madwar 3,844 metri kwadri, li tmiss mix-Xlokk ma' proprjetà tas-Sur Emanuel Xuereb u mil-Lbiċ ma' sqaq pubbliku, u mill-Majjistral parti ma' proprjetà tas-Sinjura Spira Cassar u parti ma' sqaq.

10. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir tqegħid ta' katusi tad-drenaġġ fi trinka ta' 3 metri tul, 0.8 metri wiesgħa, 0.6 metri fonda, li tinkludi *manhole*, f'għalqa tal-kejl ta' madwar 729 metri kwadri, li tmiss mit-Tramuntana ma' sqaq pubbliku, mill-Punent ma' triq u mix-Xlokk ma' proprjetà tas-Sinjorina L. Caruana u parti ma' sqaq.

11. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir tqegħid ta' katusi tad-drenaġġ fi trinka ta' 106.7 metri tul, 0.8 metri wiesgħa, li tinkludi erba' *manholes*, 76.2 metri mill-imsemmija katusi tad-drenaġġ irridu jitqiegħdu 'l fuq mil-livell ta' l-art, f'għalqa tal-kejl ta' madwar 6.029 metri kwadri, li tmiss mil-Lvant u mix-Xlokk ma' triq pubblika, u mill-Punent ma' proprjetà tas-Sorijiet ta' l-Ursolini tal-Belt Valletta.

12. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir tqegħid ta' katusi tad-drenaġġ fi trinka ta' 435 metri tul u 0.8 metri wiesgħa u toħroġ 0.6 metri 'l fuq mill-livell ta' l-art, li tinkludi 4 *manholes*, f'għalqa tal-kejl ta' madwar 8,659 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana parti ma' proprjetà tal-Gvern u parti ma' proprjetà tas-Sorijiet ta' l-Ursolini tal-Belt Valletta, mil-Lvant ma' proprjetà tas-Sur Francis Desira, u min-Nofsinhar u mill-Punent ma' proprjetà tas-Sorijiet ta' l-Ursolini tal-Belt Valletta.

5. The mentioned subsoil right consisting of laying of drainage pipes in a trench 44.2 metres long, 0.8 metres wide and 1.2 metres deep, including 2 manholes, in a field measuring about 6,636 square metres, bounded on the South by property of Mr Grezzju Abela, on the South East by a public street and on the North East by property of Dr Victor Mercieca, LL.D.

6. The mentioned subsoil right consisting of laying of drainage pipes in a trench 115.8 metres long, 0.8 metres wide and 2.1 metres deep, including four manholes, in a field measuring about 11,131 square metres, bounded on the South East by property of Dr Victor Mercieca, LL.D., on the North West by property of Mr Michael Peresso and on the South West by property of the Convent of St Augustine, Valletta.

7. The mentioned subsoil right consisting of laying of drainage pipes in a trench 36.6 metres long, 0.8 metres wide and 1.2 metres deep, including a manhole, in a field measuring about 2,387 square metres, bounded on the South East by property of Mr Victor Camilleri, on the North West by property of Mr Emanuel Xuereb and on the South West by property of the Convent of St Augustine of Valletta.

8. The mentioned subsoil right consisting of laying of drainage pipes in a trench 36.6 metres long, 0.8 metres wide and 1.2 metres deep, including a manhole, in a field measuring about 2,387 square metres, bounded on the South East by property of Mr Micheal Peresso, on the North West by property of Miss L. Caruana and on the South West by a public alley.

9. The mentioned subsoil right consisting of laying of drainage pipes in a trench 39.6 metres long, 0.8 metres wide, 2.1 metres deep, including a manhole, in a field measuring about 3,844 square metres, bounded on the South East by property of Mr Emanuel Xuereb and on the South West by a public alley, and on the North West partly by property of Mrs Spira Cassar and partly by an alley.

10. The mentioned subsoil right consisting of laying of drainage pipes in a trench 3 metres long, 0.8 metres wide, 0.6 metres deep, including a manhole, in a field measuring about 729 square metres, bounded on the North by a public alley, on the West by a street and on the South East by property of Miss L. Caruana and partly by an alley.

11. The mentioned subsoil right consisting of laying of drainage pipes in a trench 106.7 metres long, 0.8 metres wide, including 4 manholes, 76.2 metres from the mentioned drainange pipes which are to be laid above ground level, in a field measuring about 6.029 square metres, bounded on the East and the South East by a public street, and on the West by property of the Ursoline Sisters of Valletta.

12. The mentioned subsoil right consisting of laying of drainage pipes in a trench 435 metres long and 0.8 metres wide, and abutting 0.6 metres above ground level, including 4 manholes, in a field measuring about 8,659 square metres, bounded on the North partly by Government property and partly by property of the Ursoline Sisters of Valletta, on the East by property of Mr Francis Desira, and on the South and the West by property of the Ursoline Sisters of Valletta.

L-artijiet hawn fuq imsemmija huma murija bħala *plots* minn Nru. 1 sa 12 fuq pjanta markata L.D. 221/71, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) EDWARD FENECH ADAMI
President

L-20 ta' Lulju, 2004

The above mentioned lands are shown as plots from No. 1 to 12 on plan marked L.D. 221/71, which may be seen on demand at the Lands Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) EDWARD FENECH ADAMI
President

20th July, 2004

Nru. 822

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR (INFORMAZZJONI)

IS-SEGRETARJU Permanenti fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 822

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR (INFORMATION)

THE Permanent Secretary in the Office of the Prime Minister has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Publio Agius	Direttur u Reġistratur ta' l-Istampa *Director and Press Registrar*	Informazzjoni *Information*	26.7 – 29.07.2004

Is-27 ta' Lulju, 2004

27th July, 2004

Nru. 823

UFFIĊĊJU GĦALL-KOMPETIZZJONI ĠUSTA

Notifika ta' Konċentrazzjoni

Ai termini tar-regolament 5(4) tar-Regolamenti tal-2002 dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet ippublikati fl-Avviż Legali 294 tal-2002, id-Direttur ta' l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta jgħarraf għall-informazzjoni ta' kulħadd illi notifika ta' konċentrazzjoni bejn Terminal Link SA u Malta Freeport Terminals Ltd. ġiet ippreżentatha fl-14 ta' Lulju, 2004.

Il-konċentrazzjoni hija akkwist minn Terminal Links SA ta' Malta Freeport Terminals Ltd.

Is-settur ekonomiku affettwat huwa dak ta' l-immaniġġjar ta' servizzi fir-rispett ta' *cargo traffic*.

Diviżjoni tal-Konsumatur u Kompetizzjoni
Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta
Cannon Road
Sta Venera CMR02
Malta

It-23 ta' Lulju, 2004

No. 823

OFFICE FOR FAIR COMPETITION

Notification of Concentration

In terms of regulation 5(4) of Regulations on Control of Concentrations, 2002 published in the Legal Notice 294 of 2002, the Director of the Office for Fair Competition informs all concerned that a notification of a concentration between Terminal Link SA and Malta Freeport Terminals Ltd. was filed on 14th July, 2004.

The nature of the concentration is an acquisition by Terminal Links SA of Malta Freeport Terminals Ltd.

The economic sector affected is that of handling services in respect of cargo traffic.

Consumer and Competition Division
Office for Fair Trading
Cannon Road
Sta.Venera CMR02
Malta

23rd July, 2004

Nru. 824

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-KUMMERĊ (KAP. 441)

Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002

SKOND id-dispożizzjonijiet tar-regolament 8 tar-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002, is-Sezzjoni għal Liċenzar tal-Kummerċ qiegħda hawnhekk tippubblika avviżi ta' l-applikazzjonijiet li ġejjin:

No. 824

TRADING LICENCES ACT (CAP. 441)

Trading Licences Regulations 2002

IN terms of the provisions of regulation 8 of the Trading Licences Regulations 2002, the Trade Licensing Unit is hereby publishing a notice of the following applications:

Nru. tar-riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2004 Pt 258	Bernard Debono	Triton Fisheries Limited 73, Msida Road, Santa Venera	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverad*	51.3	19.07.04
CD/3209/2004 Pt 259	Andrew Debattista Segond	'Compunet' The Hive Triq l-Esperanto Msida	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.48.1 52.48.13	19.07.04
CD/3209/2004 Pt 260	Therese Bonnici	29, Triq San Mikiel Birżebbugia	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverad*	52.11 52.21	22.07.04
CD/3209/2004 Pt 261	Dennis Desira	Burn Out Tyre Services Vjal Kottoner Fgura	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	50.2	22.07.04

Nru. tar-riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2004 Pt 263	Marcella Frigerio	'Apsara' 4, Portomaso Shopping Portomaso San Ġiljan	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.48.13	22.07.04
CD/3209/2004 Pt 264	Ivan Scerri	Betlehem Bazaar *by Scerri Art Studio* Shop 2, Flat 36, Block C, Triq Manoel Gżira	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.41 52.47 52.48.11 52.48.13	22.07.04
CD/3209/2004 Pt 265	Joanna Caruana	Kazouki Beauty Clinic Shelter Court, Flat 1 Triq it-Ton Mellieħa	Kategorija VI - Servizzi soċjali u personali *Category VI - Social and personal services*	93.022	21.07.04
CD/3209/2004 Pt 266	Mary Rose Vella	Schere Hairdressing Salon Shop @ Level O 'La Salita' Triq Ġorġ Borg Olivier Mellieħa	Kategorija VI - Servizzi soċjali u personali *Category VI - Social and personal services*	93.021	21.07.04
CD/3207/2004 Pt 17	Benjamin England	Sunrise Stationary Garage No. 3, Dolphin Court Triq l-Isfar Marsascala	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.26 52.47 52.48.13	22.07.04

Kull persuna li għandha interess, tista' tagħmel oġġezzjonijiet jew ilmenti kontra l-għoti ta' liċenza fuq kwistjonijiet ta' kummerċ biss. Kull oġġezzjoni jew ilment għandu jingħata bil-miktub lis-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ, Direttorat għas-Servizzi tal-Kummerċ, Diviżjoni għall-Kummerċ, Lascaris, Valletta, fi żmien għaxart ijiem mid-data li tidher hawn taħt.

Any person showing an interest may file an objection or make representations against the grant of this licence only on trade issues. Such objections or representation may be filed in writing at the Trading Licences Unit, Trade Services Directorate, Commerce Division, Lascaris, Valletta, within ten days from the date shown below.

Is-27 ta' Lulju, 2004

27th July, 2004

Nru. 825

KUMMISSARJU GĦALL-ĠUSTIZZJA

NGĦARRFU illi skond l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja (Kap. 291), il-Prim Ministru approva l-ħatra bħala Kummissarju għall-Ġustizzja għall-perjodu ieħor ta' sentejn b' seħħ mit-28 ta' Lulju 2004 ta' l-Avv. Dott. Anton Farrugia Sacco, B.A., LL.D.

Is-27 ta' Lulju, 2004
(MJ/5/88/II)
(OPM/141/81)

No. 825

COMMISSIONER FOR JUSTICE

IT is hereby notified that, in accordance with the Commissioners for Justice Act (Cap. 291), the Prime Minister has approved the appointment as Commissioner for Justice for a further period of two years, with effect from 28th July 2004, of Dr Anton Farrugia Sacco, B.A., LL.D.

27th July, 2004

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 72

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u waqfien ta' vetturi se jkunu ipprojbiti fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ħal Għaxaq

Minn nhar l-Erbgħa, l-4 ta' Awissu, 2004 fit-8.00 p.m. sas-Sibt, is-7 ta' Awissu, 2004 fis-1.00 a.m. minn Triq Santa Marija.

Nhar it-Tnejn, id-9 ta' Awissu, 2004 fit-8.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Bir id-Deheb, it-Terħa u Santa Marija.

Nhar il-Ħamis, it-12 ta' Awissu, 2004 fit-8.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza Santa Marija, J.M. Farrugia, il-Ġarkol, il-Ġistakor, San Filippu, iċ-Ċeppun, il-Ħareb, Dun M. Mallia, il-Gudja, Dawret Ħal Għaxaq, Ta' Loretu, it-Telleritu, it-Tumbarellu, il-Bizzilla, Santa Marija u l-Knisja.

Minn nhar il-Ħamis, it-12 ta' Awissu, 2004 sat-Tlieta, is-17 ta' Awissu, 2004 minn Triq Santu Rokku.

Nhar il-Ġimgħa, it-13 ta' Awissu, 2004 fit-8.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza Santa Marija, Vjal il-Labour, il-Miksur, Dun G. Barbara, il-Qattus, il-Ħannieqa, ir-Rebbiegħa, il-Ħareb, Santa Teresa, Santa Marija, il-Knisja, San Filippu u Santu Rokku.

Nhar is-Sibt, l-14 ta' Awissu, 2004 fis-7.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Santa Marija u l-Knisja.

Nhar il-Ħadd, il-15 ta' Awissu, 2004 fl-10.30 a.m. mit-toroq li ġejjin: Bir id-Deheb, Santa Marija, il-Knisja, San Pawl, il-Ġewenija, Dawret Ħal Għaxaq, San Filippu u Santu Rokku.

Nhar il-Ħadd, il-15 ta' Awissu, 2004 fis-6.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Bir id-Deheb, Santa Marija u l-Knisja.

POLICE NOTICE

No. 72

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended up to the dates and times indicated.

Għaxaq

From Wednesday, 4th August, 2004 at 8.00 p.m. to Saturday, 7th August, 2004 at 1.00 a.m. through Triq Santa Marija.

On Monday, 9th August, 2004 at 8.00 p.m. through the following streets: Bir id-Deheb, it-Terħa and Santa Marija.

On Thursday, 12th August, 2004 at 8.30 p.m. through the following streets: Pjazza Santa Marija, J.M. Farrugia, il-Ġarkol, il-Ġistakor, San Filippu, iċ-Ċeppun, il-Ħareb, Dun M. Mallia, il-Gudja, Dawret Ħal Għaxaq, Ta' Loretu, it-Telleritu, it-Tumbarellu, il-Bizzilla, Santa Marija and il-Knisja.

From Thursday, 12th August, 2004 to Tuesday, 17th August, 2004 through Triq Santu Rokku.

On Friday, 13th August, 2004 at 8.30 p.m. through the following streets: Pjazza Santa Marija, Vjal il-Labour, il-Miksur, Dun G. Barbara, il-Qattus, il-Ħannieqa, ir-Rebbiegħa, il-Ħareb, Santa Teresa, Santa Marija, il-Knisja, San Filippu and Santu Rokku.

On Saturday, 14th August, 2004 at 7.00 p.m. through the following streets: Santa Marija and il-Knisja.

On Sunday, 15th August, 2004 at 10.30 a.m. through the following streets: Bir id-Deheb, Santa Marija, il-Knisja, San Pawl, il-Ġewenija, Dawret Ħal Għaxaq, San Filippu and Santu Rokku.

On Sunday, 15th August, 2004 at 6.30 p.m. through the following streets: Bir id-Deheb, Santa Marija and il-Knisja.

Nhar il-Ħadd, il-15 ta' Awissu, 2004 fit-8.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ San Filippu u San Pawl.

Nhar il-Ħadd, il-15 ta' Awissu, 2004 fil-11.00 p.m. minn Bir id-Deheb.

Il-vetturi jistgħu jiġu rmunkati.

Ħal Lija

Nhar il-Ġimgħa, is-6 ta' Awissu, 2004 mill-5.00 p.m. sal-11.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Sir Ugo Mifsud, is-Salvatur, Merino, Preziozi, il-Forn, il-Kbira, Mikielang Borg, Mario Agius, R. Barbaro, Vjal it-Trasfigurazzjoni u Pjazza it-Trasfigurazzjoni.

Vetturi pparkjati fit-toroq imsemmija hawn fuq, huwa pprojbit u vetturi misjuba pparkjati hemm, jiġu rmunkati.

Is-27 ta' Lulju, 2004

On Sunday, 15th August, 2004 at 8.00 p.m. through the following streets: Misraħ San Filippu and San Pawl.

On Sunday, 15th August, 2004 at 11.00 p.m. through Bir id-Deheb.

Vehicles are subject to towing.

Lija

On Friday, 6th August, 2004 at 5.00 p.m. till 11.00 p.m. through the following streets: Sir Ugo Mifsud, is-Salvatur, Merino, Preziozi, il-Forn, il-Kbira, Mikielang Borg, Mario Agius, R. Barbaro, Vjal it-Trasfigurazzjoni and Pjazza it-Trasfigurazzjoni.

The parking of vehicles along the under mentioned streets is also prohibited and vehicles found parked there, will be towed away.

27th July, 2004

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 49 ta' l-2004

Żona Riservata għall-Għawwiema

Id-Direttur Eżekuttiv (Portijiet) jgħarraf lis-sidien kollha ta' ingenji tal-baħar illi skond ir-Regolamenti ta' 1-1975 dwar l-Irmiġġ u skond Artikolu 7 ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta (Kap. 352) huwa pprojbit li inġenji tal-baħar bil-mutur jew dgħajjes tal-qlugħ, inkluzi *windsurfers*, *surf-boards* jew *acqua-scooters,* ibaħħru fiż-żoni riservati għall-għawwiema, sal-Ħamis, it-30 ta' Settembru 2004.

Dawn iż-żoni l-ġodda huma mmarkati b'linja li tgħaqqad il-ponot murija u l-linja tax-xatt intermedja kif murija fiċ-*charts* mehmuża 11 u 12 f'paġni 8794 u 8795.

Se jitqiegħdu numru ta' *marker buoys*. Il-*marker buoys* jistgħu jithallew fil-poħizzjoni matul is-sena kollha

Il-konfini taż-Żona ta' l-Għawwiema huma kif ġej:–

1. Mġarr ix-Xini - Għawdex (ara Chart 11 fuq paġna 8794).

Linji li jgħaqdu ponot 11A, 11B u 11Ċ u l-linja tax-xatt intermedju mill-Punent ta' dawn il-linji.

Ponta *Point*	Latitude (N) *Latitude (N)*	Longitude (E) *Longitude (E)*
11A	36°01'.22	14°16'.29
11B	36°01'.20	14°16'.30
11C	36°01'.18	14°16'.29

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 49 of 2004

Zone reserved for Swimmers

The Executive Director (Ports) notifies all owners of sea craft that in terms of the Berthing Regulations, 1975 and in terms of Section 7 of the Malta Maritime Authority Act (Cap. 352), it is prohibited to navigate mechanically propelled sea craft or sailing boats including wind surfers, surf-boards and acqua-scooters in the zone reserved for swimmersup to Thursday 30th September 2004.

These new zones are delineated by a line joining points and the intermediate coast line as shown on attached charts 11 and 12 on pages 8794 and 8795.

A number of marker buoys will be placed. The marker buoys may remain in position all year round.

The boundaries of these Swimmers' Zone are as follows:–

1. Mġarr ix-Xini - Gozo (refer to Chart 11 on page 8794).

Lines joining points 11A, 11B and 11C and the intermediate coastline to the West of these lines.

2. Il-Bajja ta' Marsascala (ara Chart 11 fuq paġna 8795).

Linja li tgħaqqad ponot 12A u 12B u l-linja tax-xatt intermedju mit-Tramuntana ta' din il-linja.

Ponta *Point*	Latitude (N) *Latitude (N)*	Longitude (E) *Longitude (E)*
12A	35° 52'.00	14° 34'.08
12B	35° 51'.99	14° 34'.19

u l-linji li jgħaqqdu l-ponot 12C, 12D u 12E u l-linja tax-xatt imtermedju mil-Lbiċ ta' dawn il-linji:

Ponta *Point*	Latitude (N) *Latitude (N)*	Longitude (E) *Longitude (E)*
12C	35° 51'.87	14° 34'.27
12D	35° 51'.80	14° 34'.38
12E	35° 51'.70	14° 34'.53

3. Il-Bajja ta' San Tumas

Linja li tgħaqqad ponot 12F u 12G u l-linja tax-xatt intermedju mit-Tramuntana ta' din il-linja.

Ponta *Point*	Latitude (N) *Latitude (N)*	Longitude (E) *Longitude (E)*
12F	35° 51'.28	14° 33'.93
12G	35° 51'.29	14° 34'.03

Chart affettwata: BA211, 2537, 2538.

Il-pożizzjonijiet jirreferu għal WGS 84 Datum.

Is-27 ta' Lulju, 2004

2. Marsascala Bay (refer to Chart 11 on page 8795).

Line joining points 12A and 12B and the intermediate coastline to the North of this line.

and the lines joining the points 12C, 12D and 12E and the intermediate coastline to the South West of these lines:


3. Saint Thomas Bay

Line joining points 12F and 12G and the intermediate coastline to the North of this line.

Chart affected: BA 211, 2537, 2538.

All positions are referred to WGS 84 Datum.

27th July, 2004




©British Crown Copyright 1970, 1983, 1986, 1988, 1995, 2000.
All rights reserved

The UK Hydrographic Office makes the accompanying data available to Malta Maritime Authority under the terms and conditions of agreement HO 1427/020938/01.

DISCLAIMER

Whilst the UK Hydrographic Office has endeavoured to ensure that the material supplied is suitable for the purposes described, it accepts no liability (to the maximum extent permitted by law) for any damage or loss of any nature arising from its use. The material supplied is used entirely at the Recipient's own risk.

Chart 11


l-Ponta taż-Żonqor
12A
12B
Wk 17
Il-Bajja ta' Marsas
TOWER
-Torri ta' San Tumas
(26)
12C
12D
12E
Il-Gżi
R.Wd
Il-Bajja ta' San
12F
12G
Slip
G.bkSh
Redoubt
nta tal-Munxar
©British Crown Copyright 1970, 1983, 1986, 1988, 1999, 2000.
All rights reserved
The UK Hydrographic Office makes the accompanying data available to Malta Maritime Authority under the terms and conditions of agreement HO 1427/020938/01.
DISCLAIMER
Whilst the UK Hydrographic Office has endeavoured to ensure that the material supplied is suitable for the purpose described, it accepts no liability (to the maximum extent permitted by law) for any damage or loss of any nature arising from its use. The material supplied is used entirely at the Recipient's own risk.
Chart 12

TREASURY CALENDAR FOR THE MONTH OF AUGUST 2004

MONDAY	TUESDAY	WEDNESDAY	THURSDAY	FRIDAY
2	3 TB Tender Date	4	5	6 TB Issue of 182 days maturing 4 February 2005
9	10 TB Tender Date	11	12	13 TB Issue of 91 days maturing 12 November 2004 and 364 days maturing 12 August 2005
16	17 TB Tender Date	18	19	20 TB Issue of 91 days maturing 19 November 2004
23	24 TB Tender Date	25	26	27 TB Issue of 28 days maturing 24 September 2004
30				

TB denotes Treasury Bill

Notes: –

1. Treasury Bills Auctions are accepted every Tuesday and settled the following Friday.

2. When either of these days falls on a Public Holiday the event takes place on the first working day immediately before.

3. Interest is always calculated on the actual number of days involved.

4. Bids may be made on the application form (available from the Treasury) or by fax on a number registered with, and recognised by the Treasury.

5. Only bids which reach the Treasury (Tender Box or Fax Nos. 25967210) by 10.00 a.m. on the tender date will be accepted.

6. 28 days tenure minimum amount tender Lm100,000, other tenures Lm20,000 minimum.

7. With regard to the tenure the following days will apply:

1 month = 28 days	9 months = 273 days
3 months = 91 days	12 months = 364 days
6 months = 182 days	

8. The tenderer shall accept any portion of the sum for which he has tendered at the same price per Lm100 as that for which he has tendered for the whole amount.

9. The persons whose tenders are accepted will be informed accordingly on the following day and payment must be made payable to the Accountant General by means of cash or cheques by not later than 10.00 a.m on the date on which the relative Bills are dated.

10. In the instance were Lm 50,000 and over is accepted, the amount due is to be effected by Bank transfer to the credit of the Public Account (Acc No. 40001 MTL-CACM-001-Q) with the Central bank. The value date is to be the *issue date* of the Treasury Bill. A copy of the relative bank transfer is to be furnished to the Treasury before 10.00 am on the date on which the relative Bills are dated.

11. Only offers with a definite price will be considered.

12. The Government reserves the right of not accepting any tender.

27th July, 2004

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' Inġinier (Elettriku) jew Inġinier *Junior* (Elettriku) fil-Ministeru tas-Saħħa, Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Inġinier (Elettriku) jew Inġinier *Junior* (Elettriku) fil-Ministeru tas-Saħħa, Anzjani u Kura fil-Komunità.

2. Il-post ta' Inġinier (Elettriku) għandu salarju ta' Lm5,750 fis-sena li jiżdied b'Lm192 fis-sena sa massimu ta' Lm6,902 (Skala ta' Salarju 9).

2.1 Suġġett għal servizz sodisfaċenti, persuna fil-grad ta' Inġinier fi Skala 9 titla' għal Skala 8 (Lm6,120 x 209 - Lm7,374) wara sentejn servizz fil-grad u għal Skala 7 (Lm6,520 x 228 - Lm7,888) wara għaxar snin prattika professjonali ppruvata, (jew tmien snin prattika wara li tkun kisbet il-*warrant)*. Il-perjodu biex persuna titla' minn Skala 8 għal 7 jitnaqqas b'sentejn fil-każ ta' Inġiniera li jkollhom kwalifika ta' wara l-gradwazzjoni approvata.

3.1 Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, kif ukoll regolamenti li jkunu fis-seħħ fil-Ministeru tas-Saħħa, Anzjani u Kura fil-Komunità. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2 Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u tkun suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata tiħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:

(a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

(b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5. Il-persuna nominata tista' tkun meħtieġa li taħdem fuq bażi ta' *roster* li jinkludi xogħol nhar ta' Ħadd.

6. Id-dmirijiet ta' persuna fil-grad ta' Inġinier (Elettriku) jinkludu:-

(a) kariga u direzzjoni ta' Skema Ppjanata ta' Manutenzjoni Preventiva fuq tagħmir/stallazzjonijiet elettroniċi, elettro-mediċi u ta' l-elettriku, u kull xorta ta' tagħmir ieħor bħal dan jew li jista' jiġi nstallat fid-diversi sptarijiet u sezzjonijiet tal-Ministeru;

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Engineer (Electrical) or Junior Engineer (Electrical) in the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications for the post of Engineer (Electrical) or Junior Engineer (Electrical) in the Ministry of Health, the Elderly and Community Care.

2. The post of Engineer carries a salary of Lm5,750 per annum rising by annual increments of Lm192 up to a maximum of Lm6,902 (Salary Scale 9).

2.1. Subject to satisfactory performance, an Engineer in Scale 9 will proceed to Scale 8 (Lm6,120 x 209 - Lm7,374) on completion of two years service in the grade and to Scale 7 (Lm6,520 x 228 - Lm7,888) on completion of ten years of proven professional practice, (or eight years practice after obtaining warrant), provided that the qualifying period for progression from Scales 8 to 7 is reduced by two years in the case of Engineers in possession of an approved post graduate qualification.

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full-time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Ministry of Health, the Elderly and Community Care. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:-

(a) it is carried out strictly outside his/her official hours of work; and

(b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5. The appointee may be required to perform duties on roster basis which will include Sunday attendance.

6. The duties of Engineer (Electrical) include:-

(a) taking charge of and directing a Planned Preventive Maintenance Scheme on electronic, electro-medical and electrical equipment/installations, and such other equipment as is or may be installed in the various hospitals, branches and sections of the Ministry;

(b) tħejjija ta' speċifikazzjonijiet għal xiri ta' apparat elettroniku, elettro-mediku u ta' l-elettriku u għotja ta' parir fuq offerti għal xiri ta' dan l-apparat;

(ċ) sorveljanza ta' l-istallar ta' apparat ġdid;

(d) sorveljanza u direzzjoni kemm ta' l-i*staff* tekniku kif ukoll industrijali li jaqgħu taħtha;

(e) taħriġ tekniku, tejoretiku u prattiku lill-impjegati tekniċi f'manutenzjoni u tiswija ta' l-apparat elettriku u elettroniku użat jew li se jiġi stallat;

(f) għajnuna liċ-*Chief Engineer* tal-Ministeru kif jinħtieġ;

(g) użu mis-sistemi ta' Teknoloġija Informatika li jkunu qed jintużaw fil-Ministeru.

7. L-applikanti għandhom:-

(i) ikunu ċittadini ta' Malta jew ta' Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

(ii) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u l-Lingwa Ingliża;

(iii) ikunu gradwati minn Università rikonoxxuta fl-Inġinerija Elettrika;

(iv) ikollhom *warrant* biex jipprattikaw il-professjoni ta' Inġinier f'Malta;

(v) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma impjegati tal-Gvern ta' Malta għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47);* l-applikanti l-oħra għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern u jagħtu dettalji).

8.1 Applikazzjonijiet jintlaqgħu wkoll mingħand:-

(a) dawk il-persuni li jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija f'7(i), (ii), (iii) u (v) iżda li għad m'għandhomx il-*warrant* sabiex jipprattikaw ta' Inġinier Elettriku;

(b) persuni li jkunu se jiggradwaw fl-Inġinerija Elettrika fis-sena 2004.

Kandidati magħżula taħt din il-klawsola jieħdu l-ħatra ta' *Junior Engineer*, u jirċievu salarju ta' Lm5,416 x Lm175 - Lm6,466 (skala ta' salarju 10).

8.2 Hekk kif iġġib il-*warrant,* il-persuna fil-grad ta' *Junior Engineer*, sakemm twettaq b'mod sodisfaċenti dmirijetha,

(b) preparing specifications for the purchase of electronic, electro-medical and electrical equipment and to advise on tenders for the purchase of such equipment;

(c) supervising the erection of new equipment;

(d) supervising and directing technical and industrial staff under his/her charge;

(e) providing technical, theoretical and practical training to the technical staff in the maintenance, servicing and repair of electrical and electronic equipment in use or to be installed;

(f) assisting the Chief Engineer of the Ministry as required;

(g) will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Ministry.

7. Applicants must:-

(i) be citizens of Malta or of a European Union member State;

(ii) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

(iii) be in possession of a recognised University degree in Electrical Engineering;

(iv) be in possession of a warrant to practise as an Engineer in Malta;

(v) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); other applicants must produce a certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service giving details).

8.1. Applications will also be received from:-

(a) persons who satisfy the requirements stated in paragraphs 7(i), (ii), (iii) and (v) but are not yet in possession of a warrant to practise as Electrical Engineer;

(b) persons who will be graduating in Electrical Engineering in the year 2004.

Candidates selected under this subsection will be appointed Junior Engineers with a salary scale of Lm5,416 x Lm175 - Lm6,466 per annum (salary scale 10).

8.2 On obtaining the warrant to practise as an Engineer and subject to satisfactory performance, a Junior Engineer

tkun eliġibbli għal promozzjoni ta' Inġinier fuq l-iskala msemmija f'paragrafu 2.

8.3 Applikazzjonijiet taħt dan il-paragrafu jiġu kkunsidrati biss jekk ma jkunx hemm biżżejjed applikanti taħt paragrafu 7. F'kaz li jkun hemm bżonn li tiġi determinata l-ordni talmertu ta' l-applikanti taħt paragrafu 8.1(a) u 8.1(b) tingħata preferenza lill-applikanti taħt paragrafu 8.1.(a). Applikanti taħt paragrafu 8.1(b) jistgħu jinħatru biss jekk ikunu temmew b'suċċess il-kors Universitarju tagħhom.

9. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eġibilità għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minnaħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eġibilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

10. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

11. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun addattat għall-post.

12. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Kopji tar-riżultat jiġu esebiti fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Diviżjoni tas-Saħħa. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat.

13. Applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma addattati għal dan il-post.

14. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

will become eligible for promotion to Engineer with a salary as given in paragraph 2.

8.3 Applications under this paragraph will only be considered if there are not enough suitable applicants under paragraph 7. In determining the order of merit of successful applicants under paragraph 8.1(a) and paragraph 8.1(b), those applying under paragraph 8.1(a) shall be given preference. Moreover, applicants under paragraph 8.1(b) will only become appointable upon the successful completion of their University course.

9. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

10. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

11. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

12. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice board of the Office of the Public Service Commission and that of the Health Division. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the result.

13. Applicants selected for appointment will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

14. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm/employment jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, Floriana.

